## KULLEĠĠ SAN NIKOLA

**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**

**Frar 2013**

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

**L-Isem u l-Kunjom:** ______________________ **Il-Klassi:** __________

| | Il-Qari u l-Kitba |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |



### Għall-istudent/a

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek u kunjomok u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' ikollok u timla dak li ħallejt barra.

*Aqra sew l-istorja:* **<u>Xena mhux tas-soltu f'nofs il-Belt</u>**

Duminku kien dudu jgħix ġo toqba, ġo fil, f' ħajt ta' dar, f'nofs belt kbira. Kull filgħodu kien jixref rasu biex jara t-temp jekk hux sabiħ jew ikrah. Kien joħroġ rasu mit-toqba anki biex jara kemm nies ikunu għaddejjin minn fuq il-bankina. ***(par. 1)***



Darba minnhom Duminku ra ħafna karozzi weqfin u jpaqpqu bla heda. Ra wkoll ħafna nies kollha jiġru lejn direzzjoni waħda. Ħass li f'dak il-jum kienet seħħet xi ħaġa mhux tas-soltu. ***(par. 2)***

"Għaliex il-karozzi m'humiex għaddejjin xkanati bħas-soltu, imma weqfin?" ħaseb. "U għaliex in-nies qed jiġru bla sabar lejn direzzjoni waħda?" reġa' ħaseb Duminku. ***(par. 3)***

Duminku ħareġ mit-toqba tiegħu b'kurżità kbira biex jara x'kien seħħ. Mexa fil-ġenb biex ma jitgħaffiġx miż-żraben. Baqa' miexi mal-folla sakemm wasal f'punt fejn kulħadd kien wieqaf jitkellem ma' ta' ħdejh u jxejjer b'idejh b'ċerta emozzjoni. ***(par. 4)***

Duminku għamel ħiltu biex ikun fuq quddiem. Il-folla kienet iffurmat ċirku kbir u f'nofsu kien hemm spazju mimli b'xena li ħadd qatt ma basar li se jara f'nofs belt bieżla u moderna. Kien hemm għaxriet ta' annimali selvaġġi ma jafux x'se jagħmlu bihom infushom. Duminku ra tigri, iljunfanti, iljuni, ġiraffi, rinoċeront u żewġ ippopotami, u saħansitra xi kukkudrilli. Xi xadini kienu qed jaqbżu u jgħajtu. ***(par. 5)***

Il-pulizija kienu qed jippruvaw iżommu taħt kontroll lill-folla kurjuża. Intant kien wasal ukoll numru ta' trakkijiet tat-tifi tan-nar li kienu mgħobbija bi ħbula, slielem u xbieki mdaqqsin. Fin-nofs kien hemm raġel kbir li kien qed jgħolli leħnu u jxengel idu. Kien ir-raġel li jieħu ħsieb iż-żu. ***(par. 6)***

Dan kollu kien minħabba praspura li kienet għamlet waħda mix-xadini taż-żu. Kienet fetħet il-bieb tal-gaġġa tagħha u bl-ingann, kien irnexxielha tiftaħ waħda waħda l-gaġeġ tal-annimali l-oħra filwaqt li sakkret lil sid iż-żu fil-gaġġa tagħha. L-annimali ħarġu mhux għax kienu mdejqin, imma aktar għax intrebħu mill-kurżità. ***(par. 7)***

(silta meħuda minn Sagħtar, Frar 2012)

| Taqsima A | Il-Qari | (30 marka) |
|---|---|---|

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.** (2 marki)

a) Duminku kien

| | |
|---|---|
| | ġurdien. |
| | dudu. |
| | pupu. |

b) Duminku kien iħobb jara

| | |
|---|---|
| | x'ikunu lebsin in-nies. |
| | kemm jgħaddu karozzi mit-triq. |
| | kemm nies ikunu għaddejjin minn fuq il-bankina. |

**2. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** (3 marki)

a) Duminku ħareġ mit-toqba tiegħu b' (kurżità, inċertezza, emozzjoni, rabja) kbira biex jara x'kien seħħ.

b) Duminku ra tigri, iljunfanti, iljuni, (orsijiet, ġiraffi, għasafar, żwiemel), rinoċeront u żewġ ippopotami.



ċ) Fl-aħħar wasal ukoll numru ta' (ambulanzi, trakkijiet tat-tifi tan-nar, karrettuni, karozzi tal-pulizija).

**3. Sib kelma/frażi mis-silta li tfisser l-istess bħal dawn.** (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a) | joħroġ | ***(par. 1)*** |
| b) | bla waqfien | ***(par. 2)*** |
| ċ) | mgħaġġlin | ***(par. 3)*** |

**4. Imla l-vojt billi ssib il-kelma t-tajba minn din il-kaxxa. Fil-kaxxa hemm żewġ kelmiet żejda.** **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **kurżità** | **jitkellem** | **~~toqba~~** | **saqajh** |
| **folla** | **żraben** | **idejh** | **jidħak** |

Duminku ħareġ mit-***toqba*** tiegħu b' ____________ kbira biex jara x'kien seħħ. Mexa fil-ġenb biex ma jitgħaffiġx miż-____________. Baqa' miexi mal-____________ sakemm wasal f'punt fejn kulħadd kien wieqaf ____________ ma' ta' ħdejh u jxejjer b' ____________ b'ċerta emozzjoni.



**5. Wieġeb <u>fi kliemek</u>.**

a. X'ra Duminku li ma kienx tas-soltu?

______________________________________________**(marka)**

b. Fi kliemek iddeskrivi x-xena li ra Duminku f'nofs il-belt.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________**(2 marki)**

ċ. Min kien qed jikkontrolla lill-folla?

______________________________________________ **(marka)**

d. Għaliex it-trakkijiet tat-tifi tan-nar kienu mgħobbija bi ħbula, slielem u xbieki ?

__________________________________________________________

__________________________________________________ **(2 marki)**

e. Kif irnexxielhom joħorġu l-annimali?

__________________________________________________ **(marka)**

**6. Daħħal l-artiklu f'din is-silta dwar in-naħal.
L-ewwel waħda lesta.** **(5 marki)**

Madwar ***id-***dinja wieħed jista' jsib 'il fuq minn 20,000 speċi differenti ta' naħal. Minn dawn ___ speċi kollha, ftit speċi biss jagħmlu ___ għasel. Fl-Ewropa nsibu speċi waħda ta' naħal li tagħmel l-għasel, waqt li ___ sitta ___ oħra nsibuhom fil-kontinent Asjatiku. Din l-ispeċi tissejjaħ ___ Naħla tal-Għasel.



**7. Imla l-vojt billi tikteb l-Imperfett (il-Preżent) skont l-għerq li għandek fil-parentesi. L-ewwel waħda lesta.** **(5 marki)**



Fonzu l-fenek ***jaqbdu*** (q-b-d) l-għatx u ____________ (w-q-f) ____________ (x-r-b) l-ilma. Imbagħad ____________ (q-b-d) il-kamera u ____________ (ġ-b-d) xi ritratti. Wara ftit, ____________ (qagħad) bilqiegħda fuq blata jiekol.

| Taqsima B | Il-Kitba | (30 marka) |
|---|---|---|

1. **Il-kitba ta' avviż** **(5 marki)**

**L-iskola tiegħek se torganizza attività marbuta ma' ikel li hu tajjeb għas-saħħa. Il-Kap tal-Iskola talbek tikteb avviż sabiex dan jitqassam lill-istudenti.**

**Attività:**



____________________________________________

____________________________________________

**Meta, fejn u l-ħin:**

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

**X'ser ikun hemm:**

________________________________________________________

________________________________________________________

________________________________________________________

**Min hu mistieden:**

________________________________________________________

________________________________________________________

## 2. Il-kitba ta' djalogu (5 marki)

**Mark u Tanja qegħdin fl-istess klassi. Waqt il-brejk tal-iskola bdew jitkellmu dwar l-isport favorit tagħhom. Imla fil-vojt t'hawn taħt x'taħseb li qalu lil xulxin dwar l-isport favorit tagħhom.**

*Mark:*________________________________________

____________________________________________

*Tanja:*_______________________________________

____________________________________________

*Mark:*________________________________________

____________________________________________

*Tanja:*_______________________________________

____________________________________________



**3. Ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma fuq <u>WIEĦED</u> minn dawn it-titli.** **(20 marka)**

**a. Maltempata qalila.**
*Iddeskrivi l-maltempata, xi ħsara ħalliet u kif inbidlu l-pjanijiet ta' ħafna nies.*

**b. Immaġina li int siġġu antik. Irrakkonta xi avventuri li għaddejt minnhom.**
*Kif tidher? Għand min kont? Kif tħossok issa li għadda ż-żmien?*

**ċ. Kompli din l-istorja: *Kont sejjer lura d-dar. Kien kważi dalam u waqt li kont għaddej minn triq dejqa, smajt il-passi warajja...***

**d. Ħares sewwa lejn dawn l-istampi u rrakkonta l-istorja li qed tara. Agħti titlu lil din l-istorja.**



**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-komponiment.**
**(bla marki)**

**Komponiment: ______ (Ikteb a, b, ċ jew d)**

**TMIEM IL-KARTA**